MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Talba Numru. 996/2009

**Paul Farrugia u John Farrugia –**
**I.D. 107467[M] u I.D. 499868-[M] rispettivament**

**vs**

**George Degiorgio – I.D. 164963-[M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-26 ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u seba' ewro u sitta u tmenin centezmu (€607.86c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija li giet ordnata minnu u konsenjata lill-istess konvenut bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali *ai termini* tal-artikolu 1668 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 917/09 u bil-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax dekorribbli mill-25 ta' Gunju 2008 u cioe` d-data

meta saret il-konsenja sal-pagament effettiv assaldu kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment huwa notifikat baqa' ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm imsejjah diversi drabi minn dan it-Tribunal il-konvenut naqas li jidher kemm fis-seduta tallum u kif ukoll fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2010.

Sema' lil Dr. Robert Buttigieg jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata tallum peress illi ma sar l-ebda pagament fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Gie nnotat ukoll li meta l-konvenut gie msejjah diversi drabi huwa baqa' ma dherx u ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' sitt mija u seba' ewro u sitta u tmenin centezmu (€607.86c), bl-imghax legali dekorribbli mill-25 ta' Gunju 2008 u bl-ispejjez kollha kif rikjesti a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------